MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MIZZI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Numru 1120/2004

Il-Pulizija
(Sp Carmelo Abdilla u
Sp Daniel Zammit)
vs
Anthony Borg, iben Joseph,
imwieled Pieta’ fit-2 ta’
ottubru, 1967
u
Arnold Bonsfield, iben Albert,
imwieled Pieta’ fis-26 ta’ ġunju,
1976
u
Edward Gatt, iben Alfred imwieled
Pieta’ fl-24 ta’ frar, 1981
u
Caroline Montesin, bint Emanuel,
imwielda Pieta’ fit-30 ta’ diċembru, 1986

Il-Qorti,
Rat l-akkużi kontra l-imputati talli fis-27 ta' diċembru, 2004 għal ħabta tal-4.00 a.m. ġewwa Triq San Ġorġ, Paceville, San Ġiljan –
1. volontarjament bla ħsieb li joqtlu jew li jqiegħdu l-ħajja f'perikolu ċar ta' l-Ispettur Daniel Zammit, PS245 K. Arnaud, PS1136 F. Fleri, PC648 K. Grech, PC1194 C. Debrincat, PC214 L. Bonello u diversi membri oħra tal-korp tal-pulizija taw bidu għall-esekuzzjoni bil-ħsieb u b'atti esterni sabiex jikkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa ta' l-istess uffiċjali pubbliċi sabiex jikkaġunawlhom offiżi gravi;
2. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament ikkaġunaw ġrieħi ta' natura ħafifa fuq il-persuni ta' PS1136 F. Fleri, PC648 K. Grech, PC1194 C. Debrincat, PC214 L. Bonello u dan kif iċċertifika Dr. P. Calleja M.D. taċ-Ċentru tas-saħħa tal-Gżira;
3. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi attakaw jew għamlu reżistenza bi vjolenza jew b'ħebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku fil-waqt li kienu jaġixxu għall-esekuzzjoni tal-liġi jew ta' ordni mogħtija skond il-liġi mill-awtorita' kompetenti u cioe' fuq il-persuni msemmija fl-ewwel akkuża u diversi membri oħra tal-korp tal-pulizija;
4. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi nġurjaw jew heddu jew għamlu offiżi fuq il-persuni nkarigati skond il-liġi minn servizz pubbliku li jkunu qed jagħmlu jew minħabba li jkunu għamlu dan is-servizz jew bil-ħsieb li jinflwixxu jew jbeżżgħu lilhom kontra l-liġi fl-esekuzzjoni ta' dan is-servizz fuq il-persuni ta' l-istess uffiċjali tal-pulizija msemmija;
5. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ħebbew għall-istess uffiċjali pubbliċi msemmija sabiex jinġurjaw jew jagħmlu ħsara lill-istess uffiċjali pubbliċi;
6. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ma obdewx l-ordnijiet leġittimi mogħtija lilhom mill-pulizija jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kienu jagħmlu d-dmirijiet tagħhom, jew b'xi mod bla jedd indaħlu fl-istess dmirijiet billi ma ħallewx lill-membri tal-korp tal-pulizija jagħmlu dak li b'liġi kienu ordnati li jagħmlu u billi ħassru jew ġabu fix-xejn dak li l-membri tal-korp tal-pulizija bħala awtorita' kienu għamlu;

7. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi volontarjament kisru l-bon ordni u il-paċi pubblika b'għajjat u ġlied;
8. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi stiednu għall-ġlied lill-membri tal-korp tal-pulizija msemmija hawn fuq;
9. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi qalu kliem mhux xieraq li jikkonsisti f'dagħa;
10. talli għall-ħabta tal-4.00 a.m. ġewwa Triq San Ġorġ, Pceville volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ mobbli jew immobbli u cioe' contact lenses proprjeta' ta' PC648 K. Grech liema ħsara ma teċċediex is-somma ta' Lm10;
11. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi ġewwa Triq San Ġorġ, paceville volontarjament ħassru jew għarrqu ħwejjeġ mobbli jew immobbli u cioe' partijiet mill-uniformi tal-membri tal-korp tal-pulizija msemmija għad-dannu tal-korp tal-pulizija ta' Malta u il-Gvern ta' Malta liema ħsara ma teċċedix il-Lm50;

lil Anthony Borg u Caroline Montesin, waħedhom –
12. talli fis-27 ta' diċembru, 2004 għal ħabta tal-10.00 a.m. ġewwa l-Għassa ta' San Ġiljan quddiem is-Sup. Raymond Vella Gregory u l-Ispettur Carmelo Abdilla bil-qerq, ħalqu jew ġiegħlu jidher li donnu hemm fatt jew ċirkostanża, sabiex dan il-fatt jew ċirkostanża jkunu jistġu 'l quddiem jiswew bi prova kontra diversi membri tal-korp tal-pulizija bil-ħsieb li b'hekk dawn l-uffiċjali pubbliċi jkunu jistgħu jiġu kontra s-sewwa akkużati jew misjuba ħatja ta' reat ;
13. talli fl-istess lok, data, ħin u ċirkostanżi iddenunzjaw quddiem l-imsemmija uffiċjali pubbliċi reat li jafu li ma sarx inkella bil-qerq ħolqu traċċi ta' reat b'mod li jistgħu jinbdew proċeduri kriminali kontra uffiċjali tal-korp tal-pulizija sabiex jizguraw li dak ir-reat kien sar;
14. talli fis-27 ta' diċembru, 2004 meta kienu jafu li dawk l-uffiċjali pubbliċi huma nnoċenti u dan fil-lejl u anke fl-istess ġurnata bejn l-4.00 a.m. u il-11.00 a.m. bil-ħsieb li jagħmlu ħsara lill- membri tal-korp tal-pulizija quddiem awtorita' kompetenti b'reat, fil-waqt li kienu jafu li huma nnoċenti;
15. talli ġewwa l-għassa tal-pulizija ta' San Ġiljan u matul il-lejl u il-ġurnata tas-27 ta' diċembru, 2004 bil-ħsieb

li jtellfu l-ġieħ jew inaqqsu l-ġieħ ta’ l-uffiċjali tal-pulizija msemmija fl-ewwel akkuża;
Il-Qorti ġiet mitluba li f’każ ta’ ħtija tipprovdi għas-sigurta’ tal-imsemmija membri tal-korp tal-pulizija u tal-persuni l-oħra msemmija.
Il-Qorti ġiet mitluba li titratta ma l-imputat Anthony Borg bħala li hu reċidiv b’diversi sentenżi li saru definittivi mill-Qorti tal-Appell Kriminali u tal-Maġistrati ta’ Malta.

Rat il-verbal tas-seduta tas-27 ta’ diċembru, 2004 fejn il-prosekuzzjoni rtirat l-ewwel akkuża fil-konfront ta’ l-imputati Edward Gatt u Arnold Bonsfield.

Rat in-nota tal-Avukat Ġenerali eżebita fis-seduta tas-7 ta’ jannar, 2005 fejn ta l-kunsens tiegħu biex dan il-każ jiġi trattat bi proċedura sommarja.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ jannar, 2005 fejn il-Qorti ġiet infurmata li l-imputati għamlu ħamsa u għoxrin lira maltin (Lm25) danni. Rat ukoll li f’din l-istess seduta l-imputati ħallsu d-danni li huma għamlu.

Rat il-verbal tas-seduta tal-10 ta’ jannar, 2005 fejn l-imputati ammettew l-akkużi kollha miġjuba kontra tagħhom.

Semgħet lill-avukati tal-imputati u lill-prosekuzzjoni dwar il-piena. Rat in-nota ta’ sottomissjonijiet tal-prosekuzzjoni.

Għaldaqstant, issib lill-imputat Anthony Borg ħati tal-akkużi kollha miġjuiba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 41(a), 214, 215, 216, 217, 218, 221(1), 92, 95, 96, 338(dd)(ee), 339(1)(a)(d), 342, 325(1)(ċ), 110(1)(2), 101(1)(a), 252, 49 u 50 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta ta’ din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta’ multa ta’ ħames mija u ħamsin lira maltin (Lm550). Minbarra dan, rat l-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali u tordna l-interdizzjoni ġenerali tiegħu għal perjodu ta’ għaxar snin li jibdew jiddekorru mil-lum stess.
Issib lill-imputat Edward Gatt ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat

l-artikoli 221(1), 92, 95, 96, 338(dd)(ee), 339(1)(a)(d), 342 u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin lira maltin (Lm250).

Issib lill-imputat Arnold Bonsfield ħati tal-akkużi kollha miġjuba kontra tiegħu. Rat l-artikoli 221(1), 92, 95, 96, 338(dd)(ee), 339(1)(a)(d), 342 u 325(1)(ċ) tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputat ammetta l-ħtija tiegħu fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Għalhekk, tikkundannah għal ħlas ta' multa ta' mitejn u ħamsin lira maltin (Lm250).

Issib lill-imputata Caroline Montesin ħatja tal-akkużi kollha miġjuba kontra tagħha. Rat l-artikoli 41(a), 214, 215, 216, 217, 218, 221(1), 92, 95, 96, 338(dd)(ee), 339(1)(a)(d), 342, 325(1)(ċ), 110(1)(2), 101(1)(a) u 252 tal-Kodiċi Kriminali. Ikkunsidrat dwar il-piena. Illi l-imputata kienet minorenni meta ġraw dawn il-fatti u ammettiet il-ħtija tagħha fl-ewwel seduta ta' din il-kawża. Għalhekk, ma tikkundannahiex għal piena karċerarja iżda tilliberaha taħt il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma tagħmilx reat ieħor fi żmien tlett snin mil-lum. Tordna wkoll li tħallas multa ta' ħamsin lira maltin (Lm50). Minbarra dan, rat l-artikolu 109 tal-Kodiċi Kriminali u tordna

l-interdizzjoni ġenerali tagħha għal perjodu ta' għaxar snin li jibdew jiddekorru mil-lum stess.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------